



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

10.2.2011

B7-0124/2011

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu

**Adrian Severin, Hannes Swoboda, Kader Arif, Harlem Désir, Saïd El Khadraoui, Ana Gomes, Richard Howitt, Maria Eleni Koppa, Wolfgang Kreissl-Dorfler, María Muniz De Urquiza, Raimon Obiols, Antonio Panzeri, Vincent Peillon, Carmen Romero López, Boris Zala**  
fisem il-Grupp S&D

RE\856874MT.doc

PE459.656v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Eġittu,
  - wara li kkunsidra d-dibattitu dwar is-sitwazzjoni fil-Mediterran, b'mod partikolari fit-Tuneżija u l-Eġittu, li sar waqt is-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Frar 2011,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew dwar l-Eġittu u r-reġjun tal-4 ta' Frar 2011,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Eġittu tal-31 ta' Jannar 2011,
  - wara li kkunsidra l-istqarrija tal-President tal-Kunsill Ewropew Herman Van Rompuy dwar il-qagħda fl-Eġittu tad-29 ta' Jannar 2011,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-RGħ/VP tal-UE Catherine Ashton dwar l-Eġittu tal-4 ta' Frar, tat-3 ta' Frar, tat-28 ta' Jannar, tas-27 ta' Jannar 2011 kif ukoll l-elezzjonijiet tal-Assemblea tal-Poplu tal-Eġittu tas-6 ta' Diċembru 2010,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Eġittu huwa sieħeb ewlieni tal-Unjoni Ewropea fil-Lvant Nofsani; billi l-Unjoni Ewropea għandha tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' Eġittu demokratiku, prosperuż u stabbli billi tinkoraġġixxi u tappoġġa t-tiġdid tal-pajjiż;
- B. billi d-dimostrazzjonijiet fl-Eġittu, u f'pajjiżi Għarab oħra, bit-talba għal bidla politika, ekonomika u soċjali, li trid isseħħ immedjatament, esprimew domanda popolari qawwija għal demokrazija ġenwina u kundizzjonijiet soċjali aħjar,
- C. billi d-dimostrazzjonijiet fl-Eġittu rriżultaw f'mijiet ta' mwiet u numru kbir ta' nies midruba u arrestati,
- D. billi l-armata irreaġixxiet b'mod responsabbli u żammet lura milli tuża l-forza kontra d-dimostranti u milli tindaħal fl-iżviluppi politiċi attwali; billi l-protesti li bdew b'mod paċifiku kulma jmur qed isiru aktar vjolenti, bl-attakki kontra d-dimostranti minn individwi armati, u bil-pulizija jisparaw il-gass tad-dmugħ u l-balal tal-lastku u jużaw il-kanuni tal-ilma,
- E. billi l-bidla fl-Eġittu teħtieġ djalogu immedjat, serju u miftuħ bil-parteċipazzjoni tal-forzi politiċi u soċjali demokratiċi kollha, kif ukoll tas-soċjetà ċivili, liema djalogu għandu jwassal biex jittieħdu miżuri urġenti, konkreti u deċiżivi bl-għan li jiġu implimentati riformi veri u sinifikanti,

- F. billi d-dimostrazzjonijiet fl-Eġittu, u f'pajjiżi Għarab oħra, juru li r-reġimi awtoritarji u l-estremiżmu fundamentalista mhumiex l-uniċi alternattivi politiċi fid-dinja Għarbija;
- G. billi kemm-il darba fl-aħħar snin it-tfittxija għall-istabilità nġhatat prevalenza fuq il-valuri tad-demokrazija, il-ġustizzja soċjali u d-drittijiet tal-bniedem fir-relazzjonijiet tal-UE mal-ġirien tan-Nofsinhar tagħha; billi l-klawżoli tad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehiniet ta' assoċjazzjoni jeħtieġ li jkunu msaħħa minn mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom,
- H. billi l-Parlament Ewropew kemm-il darba talab li jitneħħa l-istat ta' emerġenza, li ilu jeżisti mill-1981, li tissaħħaħ id-demokrazija, u li jitħarsu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fl-Eġittu;
- I. billi l-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-31 ta' Jannar 2011 ikkonferma li l-UE ħadet l-impenn li takkumpanja, permezz ta' ħidma bi sħab, il-proċess ta' trasformazzjoni tal-Eġittu billi timmobilizza, iġġedded u tadatta l-istrumenti eżistenti biex tappoġġa riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali kif ukoll li l-UE tinsab lesta tgħin lill-poplu Eġizzjan f'dan il-proċess ta' trasformazzjoni, waqt li tqis żviluppi ulterjuri,
- J. billi l-Kunsill Ewropew, fid-dikjarazzjoni tiegħu dwar l-Eġittu u r-reġjun tal-4 ta' Jannar 2011, ikkonferma li l-UE hija determinata li tagħti l-appoġġ sħiħ tagħha għall-proċessi ta' transizzjoni fir-reġjun bil-għan tal-ħolqien ta' governanza demokratika, tal-pluraliżmu, ta' opportunitajiet imtejba għall-prosperità ekonomika u l-inklużjoni soċjali kif ukoll it-tiħiħ tal-istabbiltà reġjonali,
1. Jappoġġa bil-qawwa l-aspirazzjonijiet demokratiċi leġittimi u t-talba għal kondizzjonijiet soċjali aħjar espressa mill-poplu fl-Eġittu u f'pajjiżi Għarab oħra; jesprimi s-solidarjetà tiegħu mad-dimostranti paċifiċi u jfaħħar il-kuraġġ u d-determinazzjoni tagħhom; jesprimi wkoll l-appoġġ tiegħu għat-talba li l-President Hosni Mubarak jirriżenja u huwa tal-fehma li jekk dan jirtira f'mument xieraq jiffaċilita t-transizzjoni politika; jitlob lill-awtoritajiet Eġizzjani jiżguraw it-transizzjoni paċifika għal demokrazija ġenwina;
  2. Jitlob li ssir transizzjoni politika mħaffa li tinvolvi lill-forzi politiċi u soċjali demokratiċi kollha u lis-soċjetà ċivili bl-għan li titwitta t-triq għar-rieżami tal-kostituzzjoni u tal-liġi elettorali, għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti, u għall-istabbiliment tad-demokrazija vera fl-Eġittu;
  3. Jiddispaċiħ immens għan-numru ta' mwiet konsiderevoli u l-għadd għoli ta' feruti tul id-dimostrazzjonijiet; jagħti l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi u jesprimi s-solidarjetà tiegħu magħhom; jikkundanna l-użu tal-forza mill-pulizija u l-vjolenza minn individwi armati;
  4. Ifakkar lill-awtoritajiet Eġizzjani u l-forzi tas-sigurtà fl-obbligu tagħhom li jiżguraw is-sigurtà taċ-ċittadini kollha u l-proprjetà tagħhom kif ukoll li jiproteġu l-wirt kulturali, u jitlobhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jevitaw iktar vjolenza kontra dimostranti paċifiċi; jinnota li l-armata Eġizzjana qagħdet lura mill-użu tal-forza kontra d-dimostranti u mill-indħil fl-iżviluppi politiċi li qed iseħħu;
  5. Jistieden lill-awtoritajiet Eġizzjani biex jeħilsu minnufih id-dimostranti paċifiċi kollha

miżmuma taħt arrest kif ukoll biex jerġgħu jippermettu t-tħaddim tan-netwerks ta' komunikazzjoni kollha, inkluż l-Internet, mingħajr dewmien; jikkundanna ċ-ċensura imposta mill-awtoritajiet Eġizzjani fuq in-netwerks ta' komunikazzjoni u l-midja soċjali kif ukoll l-imġiba aggressiva u l-intimidazzjoni kontra l-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

6. Jiddispaċiħ dwar ir-reazzjoni ta' xi operaturi tas-servizzi ta' komunikazzjoni mobbli u ta' xi fornituri tas-servizzi tal-Internet Eġizzjani għal dak li seħħ reċentement fl-Eġittu u jistidinhom jitgħallmu minn din l-esperjenza;
7. Jenfasizza mill-ġdid l-importanza tas-tiħiħ tal-istat tad-dritt, il-governanza tajba, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fl-Eġittu, b'rispett speċjali għal-libertà tal-kuxjenza, ir-reliġjon, il-ħsieb, il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-istampa u tal-midja, il-libertà tal-assoċjazzjoni, id-drittijiet tan-nisa, il-ħarsien tal-minoranzi, u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali; itenni t-talba tiegħu għat-tneħħija tal-istat ta' emerġenza fl-Eġittu;
8. Jenfasizza kemm hu importanti li jitħaffu konsiderevolment ir-riformi ekonomiċi u soċjali fl-Eġittu ladarba l-libertà, l-iżvilupp ekonomiku u standard oġhla tal-ħajja huma essenzjali għall-istabilità politika u soċjali fil-pajjiż;
9. Jitlob li jingħataw appoġġ u linji gwida sinifikanti u effiċjenti mill-UE għall-bidla demokratika kif ukoll għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali fl-Eġittu, u f'pajjiżi ġirien oħra tan-Nofsinhar ikkonċernati, billi, b'mod urġenti, jiġu mobilizzati, rieżaminati u adattati strumenti eżistenti tal-UE li għandhom l-għan li jgħinu r-riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali, kif ukoll bit-tiħiħ ulterjuri tal-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
10. Jenfasizza li l-eżami strateġiku kontinwu tal-Politika Ewropea tal-Viċinat kif ukoll it-tiswir ulterjuri tar-relazzjonijiet tal-UE mal-ġirien tan-Nofsinhar tagħha jridu jqisu u jirriflettu għalkollox l-iżviluppi attwali fir-reġjun; jinsisti wkoll li r-rieżami tal-PEV għandu jagħti prijorità lill-kriterji marbuta mal-pluraliżmu politiku, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-indipendenza tal-ġudikatura, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-libertà tal-istampa u l-midja; iqis li l-Unjoni għall-Mediterran trid titnieda mill-ġdid f'dan l-ispirtu;
11. Jitlob lir-Rappreżentant Għoli biex tippromwovi t-twaqqif ta' task force, li tinvolvi l-Parlament Ewropew, li tippermetti risposta għall-ħtiġiet tal-akkumpanjament ta' proċess ta' transizzjoni demokratika kif espressi mill-atturi fil-bidla demokratika, b'mod partikulari rigward elezzjonijiet ħielsa u demokratiċi u bini ta' istituzzjonijiet bħall-ġudikatura indipendenti; jitlob lir-RGħ/VP biex tappoġġa t-trasformazzjoni demokratika wkoll billi tibgħat missjoni ta' osservazzjoni elettorali għall-elezzjonijiet li ġejjin;
12. Jenfasizza li l-avvenimenti fl-Eġittu, u f'pajjiżi oħra fir-reġjun, jaċċentwaw mill-ġdid il-ħtieġa urġenti tal-iżvilupp ta' politiki u strumenti aktar ambizzjużi u effiċjenti kif ukoll tat-tiħiħ tal-appoġġ baġitarju għalihom bl-għan tal-inkoraġġiment ta' riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali fil-ġirien tan-Nofsinhar tal-UE u l-appoġġ għalihom;

13. Iħeġġeġ lill-Eġittu biex ikompli jimpenja ruħu għal paċi dejjiema fil-Lvant Nofsani u jkompli jiżvolġi rwol attiv u konstruttiv fl-isforzi għaliha, b'enfasi speċjali fuq il-kunflitt bejn l-Iżrael u l-Palestinjani u l-proċess tar-rikonċiljazzjoni Palestinjana;
14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u Vċi President tal-Kummissjoni, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-parlament u l-gvern tal-Eġittu.